# Pjan ta' Hidma
# Kunsill Lokali - Hamrun

L-ibiet u l-irhula taghna huma ghaqda shiha ta' rabtiet bejn familji u cittadini li fihom ahna lkoll irridu nghixu hajja tajba. Il-Kunsilliera Laburisti jahdmu halli jtejbu l-kwalita' tal-hajja tal-familji taghna. Il-poplu ta' Paola jixraqlu l-ahjar. Nizguraw li nibqghu dejjem qrib il-poplu ghax flimkien nistghu nwettqu l-bidla ghall-ahjar futur tal-familji taghna. Il-Kunsilliera Laburisti jaghmlu d-differenza ghax iwettqu dak li jweghdu.

## Progett tas-Suq

Ghal tliet snin shah l-Awtorita' Maltija ta' l-Ambjent u l-Ippjanar halliet dan il-progett fuq l-ixkaffa minghajr ma tawh l-importanza li jixraqlu. Wara pressjoni kbira li ghamel il-Kunsill Lokali, il-M.E.P.A. iddecidiet li tghaddi biex tikkunsidra l-izvilupp ta' dan il-progett u talbet lill-Kunsill Lokali jhallas is-somma ta' madwar Lm10,000. Issa l-M.E.P.A. qeghda tikkonsidra li tohrog il-permess necessarju bil-ghan li dan il-progett isir realta.

Wara li jinhargu l-permessi mehtiega, il-Gvern Centrali wieghed li se jghaddi l-art in kwistjoni lill-Kunsill biex ikun jista' jaghmel il-progett. Il-progett ha jkun kompost minn parkegg taht l-art li jesa 160 karozza, gnien u bini amministrattiv ghall-Kunsill Lokali. B`hekk il-Kunsill Lokali se jkun qieghed jiffranka l-kera tal-post prezenti li bhalissa tammonta ghal Lm9,000 u din tista' tizdied sa Lm15,000 fis-sena.

## Gnien Oreste Chircop

Dan huwa wiehed mill-gonna fil-Hamrun u dan l-ahhar kien ivvandalizzat. Il-Kunsill Lokali ilu hafna jinsisti mal-Korp tal-Pulizija sabiex isiru rondi f'dawn l-inhawi kif ukoll f'inhawi ohra sabiex jinqered il-vandalizmu. Il-Kunsill Lokali gdid b'maggoranza Laburista jaghmel it-tisbieh mehtieg f'dan il-gnien, filwaqt li se jzid il-parkegg ghar-residenti f'din iz-zona. Huwa stmat li dan il-progett se jkun jiswa madwar Lm80,000.

## Triq il-Kbira San Guzepp

Wara li l-Gvern Centrali injora ghal kollox it-talbiet tal-Kunsill sabiex ikun hu li jaghmel il-progett ta' tisbieh mehtieg ta' Triq il-Kbira San Guzepp, il-

Kunsill Lokali ha l-inizjattiva biex jibda jaghti dehra ahjar lil din it-triq principali. Il-progett propost huwa stmat li jiswa Lm1,000,000 – fondi li l-Kunsill m'ghandhux. Bil-fondi finanzjarji allokati lill-Kunsill beda jaghmel il-bankini ta' din it-triq bil-ghan ahhari li jsiru l-bankini kollha. Dan wara li l-kunsill, mill-fondi tieghu, diga nefaq Lm40,000 f'tarmac gdid ghal din it-triq principali.

## Rikostruzzjoni ta' Toroq u Bankini

Matul dawn l-ahhar zewg legislaturi saru numru ta' toroq u bankini fil-lokalita', liema xoghol sar fuq pjan professjonali u skond l-esigenzi tat-toroq. Minkejja li sar dan ix-xoghol kollu, Kunsill Lokali b`maggoranza Laburista jkompli jaghmel xoghol ta' rikostruzzjoni ta' toroq u anke ta' bankini li jehtieg isiru mill-gdid. Il-Kunsill jwieghed it-tkomplija tat-tieni fazi ta' Triq Atocia bil-pavimentar wara li jitlestew ix-xogholijiet privati li ghandhom isiru f'din it-triq.

## Xogholijiet mill-Gvern Centrali

Bil-hidma u l-pressjoni li twettqet mill-Kunsill il-Gvern iddecieda li jaghmel dawn it-toroq – Triq Eugenio Borg, Sqaq il-Kubrit u Triq Gdida fi Triq Villambrosa liema triq se tissemma' ghal Roger Debattista, pulizija hamruniz li nqatel waqt li kien qieghed jaqdi d-dmirijiet tieghu. Se titkompla ssir il-pressjoni sabiex il-Gvern centrali jaghmel Triq Wenzu Dyer u Triq il-Birrerija, liema triq temporanjament se tinghata wicc dicenti mill-Kunsill.

## Immaniggjar tat-Traffiku

Minn studju xjentifiku li ghamel il-Kunsill Lokali bhala parti mill-preparamenti ghall-progett propost tas-suq irrizulta li minn Triq il-Kbira San Guzepp jghaddu 4,000,000 vettura fis-sena. Ghalhekk jehtiegu pjani konkreti ta' l-immaniggjar tat-traffiku ahjar fil-lokalita'. Il-Kunsill ipprepara pjani ghal diversi zoni kritici u dwar dan Kunsill b`maggoranza Laburista jibda konsultazzjoni shiha mar-residenti u mas-settur kummercjali biex tinstab soluzzjoni gusta u ekwa ghal kulhadd.

Nahdmu biex isiru skemi ta' parkegg residenzjali bil-ghan li r-residenti Hamrunizi jkunu agevolati filwaqt li s-sidien tal-hwienet ma jitnaqqsilhomx

l-ispazju ghall-parkegg ghall-klijenti, b'konsultazzjoni shiha ma' min hu kkoncernat. F'dan ir-rigward il-Kunsill ghamel l-applikazzjonijiet mehtiega ma' l-Awtorita' dwar ir-Trasport.

Kunsill b'maggoranza Laburista se jzid iktar parkeggi fosthom qed tkun espolorata l-possibilita li jsir hekk fi Triq Dun Gorg Preca.

## Culverts

Kunsill Lokali b`maggoranza Laburista ha l-passi mehtiega sabiex isolvi l-problema ta' l-gharghar li kien hemm fi Triq Villambrosa u parti minn Triq Hal Qormi kif ukoll zied il-culverts fi Triq il-Kbira San Guzepp. Il-Kunsill ikompli x-xoghol ta' culverts fi Triq Hal Qormi sar-rampa. Nahdmu sabiex tinstab soluzzjoni ghall-ilma tax-xita li jingema' fil-bidu ta' Triq il-Kbira San Guzepp quddiem il-birrerija l-antika ta' Farsons kif ukoll fi Triq Guze Pace.

## Bozoz

Kunsill b'maggoranza Laburista jimplimenta pjani sabiex il-bozoz fit-toroq tal-Hamrun ikunu distribwiti b'mod aktar efficjenti sabiex ma jithallewx partijiet mudlama fil-lokalita'. Dan huwa progett li jiehu z-zmien u jirrikjedi l-finanzi sabiex jitwettaq, imma darba li jsir ikun sar ghal dejjem. Ikompli jissahhah is-servizz ta' dawl adegwat u bdil ta' bozoz fejn ikun mehtieg.

## Tisbieh ta' Gonna u Tindif

Kunsill b'maggoranza Laburista jkompli bil-hidma tieghu sabiex isebbah dawk iz-zoni maghrufa bhala soft areas. Bl-ghajnuna tar-residenti stess ikollna ambjent isbah fil-lokalita' taghna.

Is-servizz tal-knis tat-toroq isir aktar efficjenti u r-residenti jkunu informati meta jinghata dan is-servizz bil-ghan li r-residenti jkunu jistghu jirrapportaw lill-Kunsill jekk u meta dan is-servizz ma jinghatax.

L-oqsma tad-djar jinghatalhom l-importanza li jinhtigilhom u bil-kollaborazzjoni ma' l-awtoritajiet centrali jsiru ix-xogholijiet necessarji, kif sar fil-kerrejja Okkella Agius li bl-intervent tal-Kunsill Lokali beda jsir xoghol ta' *embellishment* fihom.

## Edukazzjoni

Kunsill Lokali b`maggoranza Laburista jkompli jorganizza diversi korsijiet fosthom fit-taghlim tal-kompjuters kif ukoll f'korsijiet ta' revizjoni ghal dawk l-istudenti li ma jkunux ghaddew mill-ezami tal-Junior Lyceum u jkollhom il-htiega ta' l-ghajnuna matul is-sajf. Jitkomplew il-korsijiet ghall-adulti fl-ilsien Malti u l-Ingliz. Dawn il-korsijiet, fejn ikun possibli, isiru minghajr hlas sabiex il-familji Hamrunizi ma jitghabbewx b'aktar pizijiet.

Il-Kunsill Lokali jkompli jinvesti f'xiri ta' kotba moderni u addattati ghal kull eta' kif ukoll isiru kompetizzjonijiet ghall-Hamrunizi bil-ghan li jsiru aktar hbieb tal-ktieb.

Il-Kunsill Lokali jkompli jaghmel il-pressjoni kollha mehtiega ma' l-awtoritajiet sabiex ikun jista' jsir aktar uzu tal-librerija pubblika, li hemm fl-iskola primarja Dun Gorg Preca, li bhalissa tintuza biss waqt il-hinijiet ta' l-iskola. Isir l-ahjar uzu mill-investiment li sar mill-Kunsill.

Kunsill Lokali b`maggoranza Laburista jahdem biex jiftah librerija pubblika ohra fil-lokalita, preferibilment lejn ic-centru tal-lokalita'.

## Sport

Kunsill b`maggoranza Laburista jkompli jahdem mill-qrib ma' l-ghaqdiet sportivi Hamrunizi. Din il-hidma tkun tinkludi ghajnuna lil dawn l-ghaqdiet sportivi fil-mod li tippermetti l-ligi kif sar matul dawn l-ahhar snin. Dan isir bi ftehim bejn il-Kunsill u l-ghaqdiet sportivi ghall-beneficcju tac-cittadini Hamrunizi. Tkun esplorata l-possibilita' li jsir *gymnasium* fil-kumpless sportiv tal-Hamrun Spartans. Il-Kunsill jorganizza *tournaments* sportivi li minn sena ghall-ohra qed ikunu aktar popolari.

## Zghazagh

Nikkooperaw aktar mill-qrib mas-sezzjonijiet taz-zghazagh ta' l-ghaqdiet kollha li ghandna fil-lokalita' sabiex ninvestu aktar fil-kapacitajiet taz-zghazagh taghna. Dan bil-ghan li nbieghdu liz-zghazagh minn vizzji koroh u naghtuhom opportunitajiet godda. Ilkoll nafu kemm l-ghaqdiet mhux governattivi jigbru zghazagh madwarhom u ghalhekk ikun utli hafna li jkun hemm aktar kooperazzjoni bejn il-Kunsill u dawn l-ghaqdiet. Isiru ukoll

kuntatti mas-SEDQA dwar il-prevenzjoni u l-ghajnuna ghal min ikun waqa' vittma ta' xi vizzju ikrah.

Tkompli issir pressjoni fuq il-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig biex jinfetah centru informattiv dwar l-impjiegi fil-bini amministrattiv tal-Hamrun. Apparti dan, kif ghamel matul dawn l-ahhar snin, il-Kunsill ikompli jaghti l-permess tieghu ghall-uzu tal-bini amministrattiv tal-Kunsill sabiex isiru korsijiet ta' tahrig.

## Anzjani u Persuni bi Bzonnijiet Specjali

Il-Kunsill Lokali b'maggoranza Laburista jkompli jahdem u jkun ta' wens ghall-anzjani u persuni bi bzonnijiet specjali. Ikomplu jkunu organizzati aktar attivitajiet ta' kull natura ghal dawn il-persuni u dawn ikunu mhegga sabiex ikomplu jaghtu kontribut lis-socjeta' bil-kapacitajiet u l-esperjenza taghhom.

## Sahha

Kunsill b`maggoranza Laburista bhala prijorita' jwieghed li jipprovdi s-servizz ta' persuni professjonali paramedici b'xejn lill-anzjani u lill-persuni b'dizabilita'. Din il-weghda ma twettqitx matul l-ahhar legislatura minhabba nuqqas ta' finanzi kif ukoll iz-zidiet fl-ispejjez tal-kuntratti. Il-Kunsill ikompli jaghti l-injezzjonijiet b'xejn ta' l-influwenza, servizz li kull sena qieghed jizdied u matul l-ahhar sena kien hemm 1600 persuna li ghamlu uzu minn dan is-servizz b`xejn. Dan minbarra l-fatt li l-Kunsill hallas l-apparat ta' l-arja kundizzjonata fil-berga li sar ghall-gid tat-tobba u tar-residenti, minkejja li dan kien xoghol li kellu jaghmlu l-Gvern Centrali.

## Kultura

Kunsill b`maggoranza Laburista jkompli l-progett biex issir mappa kulturali dwar il-postijiet storici fil-lokalita'. Jibda process biex il-Kunsill japplika ghall-fondi mill-Unjoni Ewropea sabiex jiftah ghall-pubbliku xelter tal-gwerra li hemm hdejn il-knisja tas-Samra.

Il-Kunsill flimkien mat-tliet socjetajiet muzikali Hamrunizi jkompli jorganizza kuncerti muzikali u jghin b'dak kollu mehtieg sabiex titkompla titkattar il-kultura muzikali fil-lokalita'.

Il-Kunsill ikompli jorganizza hargiet kulturali u socjali ghat-tfal ta' l-iskejjel, ghall-anzjani u ghall-persuni b'dizabilita'.

Insahhu l-gemellagg li l-Kunsill Lokali ghamel mal-lokalita' ta' Scilla f'Reggio Calabria u jsiru skambji kulturali u edukattiva fl-interess tac-cittadini ta' dawn il-lokalitajiet.

## Qrib il-Poplu

Il-Kunsill Lokali jibqa' dejjem qrib il-poplu. Inkomplu niltaqghu mal-poplu aktar ta' spiss mar-residenti fiż-żoni differenti tal-Hamrun. Jiġu mfissra u diskussi l-pjani ta' ħidma tal-Kunsill Lokali. Nippubblikaw fuljett b'tagħrif dwar il-ħidma tal-Kunsill Lokali, dak li jkun sar, dak li jkun intefaq u dak li jkun ippjanat għal quddiem. Naghmlu d-differenza ghall-gid tar-residenti.